# EŻAMI TAL- JUNIOR LYCEUM 2002
# STUDJI SOĊJALI - SKEMA TA' MARKI

| Taħriġ | Marki | Tweġibiet |
|---|---|---|
| A | Marka kull tweġiba<br><br>Total<br>8 marki | 1. Tajba<br>2. Ħażina<br>3. Tajba<br>4. Tajba<br>5. Ħażina<br>6. Tajba<br>7. Tajba<br>8. Ħażina |
| B. | Marka kull tweġiba<br><br>Total<br>10 marki | 1. L-ISKOLA PRIMARJA L-ISKOLA SEKONDARJA<br>2. FAMILJA GRUPPI TA' ĦBIEB<br>3. IR-RELIĠJON IL-LIĠI<br>4. OQSMA INDUSTRIJALI ĦADDIEMA TAS-SENGĦA<br>5. IL-KOMPJUTER L-INTERNET |
| Ċ | Marka kull tweġiba<br><br>Total<br>8 marki | F'din l-ordni<br><br>Fortifikazzjonijiet<br>Port il-Kbir<br>San Mikiel<br>Sant'Anġlu<br>Xiberras<br>Imdina<br>Cittadella<br>L-Ordni |
| D (i) | Marka kull tweġiba<br><br>(6 marki) | Żewġ pajjiżi għal kull kontinent -<br>Afrika - Marokk, Tuneżija, Eġittu, Alġerija, Libja<br>Asja - Iżrael, Libanu, Ċipru, Sirja, Turkija, Palestina.<br>Ewropa - Malta, Franza, Albanija, Slovenja, Spanja, Italja, Greċja, Kroazja, Bosnia -Herzegovina, Jugoslavja.<br>Ngħoddu tajjeb ukoll Ċipru, Turkija u Portugal |
| D (ii) | Marka kull tweġiba<br>(6 marki) | Ara l-ktieb 'Ambjent Ġeografiku' paġna 39. |
| E | 2 marki kull waħda.<br>Marka għal kull punt tajjeb<br><br>Total<br>10 marki | 1. L-**Edukazzjoni** għandna bżonnha għaliex -<br>• Tgħinna jkollna t-tagħrif, il-ħiliet u l-attitudnijiet biex inkunu ċittadini responsabbli<br>• tagħtina tħejjija għad-dinja tax-xogħol<br>• tiżviluppa fina l-ħiliet meħtieġa biex ikollna relazzjonijiet tajbin ma' bnedmin oħra<br><br>2. Ir-**Rispett** għandna bżonnu biex -<br>• nifhmu aktar lill-oħrajn<br>• naċċettaw id-differenza fl-ideat u fl-istili ta' għixien |

| | | |
|---|---|---|
| | | • naċċettaw lil xulxin<br>• noħolqu komunita ta' bnedmin aħjar<br><br>3. Ix-**Xogħol** għandna bżonnu biex il-bniedem -<br>• jiżviluppa r-riżorsi naturali<br>• jiskopri dak li tagħtina n-natura<br>• japplika r-regoli tax-xjenza<br>• jgħin il-mixja tal-progress<br>• isostni l-ekonomija tal-pajjiż<br>• ikollu mezz ta' għixien<br>• jitgħallem jaħdem fi grupp<br>• jitgħallem l-etika tax-xogħol bħal puntwalita, reponsabbilta, komunikazzjoni, sforz kollettiv<br><br>4. Il-**Lingwi** għandna bżonnhom biex -<br>• nikkomunikaw<br>• nitgħallmu dwar kulturi differenti<br>• ikollna aktar opportunitajiet ta' xogħol<br><br>5. Il-**Qorti** għandna bżonnha biex -<br>• tinterpereta u tapplika l-liġi<br>• tamministra l-ġustizzja maċ-ċittadini fi kwistjonijiet li jinqalgħu<br>• tiddefendi d-drtittijiet taċ-ċittadini<br>• tibgħat messaġġi posittivi dwar l-imġiba fis-soċjeta |
| F | Marka kull tweġiba<br><br>(Minn 2 sa7)<br><br>6 marki | 1. Victoria<br>2. Mellieħa<br>3. Rabat (Malta)<br>4. Bormla jew Cospicua<br>5. Mġarr (Għawdex)<br>6. Marsalforn<br>7. Xlendi |
| Ġ i) | Marka kull waħda<br><br>(5 marki) | Waħda minn dawn jew oħra li tagħmel sens<br>1.<br>• 8 ta' Settembru(1565)<br>• Jum il-Vitorja<br>• Il-Bambina<br><br>2.<br>• 7 ta' Ġunju (1919)<br>• Is-Sette Giugno<br><br>3.<br>• 21 ta' Settembru(1964)<br>• Jum l-Indipendenza<br><br>4.<br>• 13 ta' Diċembru (1974) |

| | | |
|---|---|---|
| Ġ ii) | (3 marki) | • Jum ir-Repubblika<br><br>5.<br>• 31 ta' Marzu (1979)<br>• Jum il-Ħelsien<br><br>Punti tajbin fuq waħda minn dawn il-festi nazzjonali<br>• Jum il-Vitorja- ir-Rebħa ta' l-Assedju jew tat-Tieni Gwerra Dinjija<br>• Is-Sette Giugno-L-Irvellijiet tal-Maltin kontra l-Ħakma Ingliża-Il-Mewt ta' l-Erba' Maltin<br>• Jum l-Indipendenza- Malta ma tibqax kolonja- Stat Sovran -Monarkija fil-Commonwealth<br>• Jum ir-Repubblika – Malta taħtar l-ewwel President- Kostituzzjoni Repubblikana miktuba mill-Maltin<br>• Jum il-Ħelsien-Tmiem tal-Bażijiet Militari f'Malta Stat Sovran |
| G | Marka għal kull eżempju<br><br>Total<br>8 marki | 1. Tnejn minn dawn jew oħrajn li jagħmlu sens<br>Ħaġar Qim Imdajra Tarxien Ipoġew Ta' Ħaġrat Skorba Ġgantija Santa Verna Borġ in-Nadur<br><br>2. Tnejn minn dawn jew oħrajn li jagħmlu sens<br>Sajjieda Bdiewa Raħħala Kaċċaturi Bennejja Skulturi Pitturi Qassisin Mara tad-dar Tal-Fuħħar u mgħallem ta' l-għodda<br><br>3. Tnejn minn dawn jew oħrajn li jagħmlu sens<br>Ġirolmu Cassar Francesco Laparelli<br><br>4. Tnejn minn dawn jew oħrajn li jagħmlu sens<br>(anki jekk ma jingħatax l-isem speċifiku)<br>Bereġ Knejjes (Kattidral) Palazzi Swar ġewwa l-Belt Valletta |
| GĦ | Marka għal kull punt tajjeb, skond l-iskeda<br><br>Total<br>12-il marka | Dawn it-tweġibiet jew oħrajn li jagħmlu sens fil-kuntest<br><br>1. In-nies ta' dil-gżira jistgħu jaħdmu bħala SAJJIEDA, BDIEWA, RGĦAJJA, KAĊĊATURI jew BENNEJJA<br>(2 marki)<br><br>2. Kull waħda minn dawn it-tweġibiet hija tajba –<br>Mexxej - 'leader' - il-liġijiet - ir-regoli – id-dixxiplina<br>(Marka waħda)<br><br>3. Tlieta minn dawn it-tweġibiet huma tajbin –<br>• jitkellmu bejniethom<br>• jisimgħu lil xulxin<br>• jikkomunikaw<br>• jaqraw u jiktbu |

| | | |
|---|---|---|
| | | • kif jistadu<br>• x'jistgħu jagħmlu mill-ħut li jaqbdu<br>• kif jaħdmu r-raba'<br>• x'jistgħu jagħmlu bil-ħxejjex<br>• is-sengħa tal-bini<br>• xi sengħa oħra<br>(3 marki)<br><br>4. **Parlament:**<br>• Nies minn fost il-poplu ta' pajjiż partikulari li jiġu magħżula bil-vot taċ-ċittadini biex jitkellmu f'isimhom.<br>• Flimkien jagħmlu grupp wieħed li jissejjaħ Kamra tar-Rappreżentanti.<br>• Ix-xogħol tal-parlament hu li jressaq il-liġijiet, Jiddiskutihom u jgħaddihom bil-vot ta' l-akbar numru ta' rappreżentanti jew deputati tan-nies li jkunu ivvotawlhom.<br>(3 marki)<br><br>5. Sentenzi bħal dawn li ġejjin u oħrajn li għandhom tifsira jew sens simili jistgħu jingħataw bħala tweġiba tajba –<br>• 'Ċittadini tajbin' huma dawk li jfittxu l-ġid ta' l-oħrajn<br>• Biex inkunu ċittadini tajbin m'għandniex inkunu egoisti<br>• Ċittadin veru jfittex li jkun jaf l-istorja ta' pajjiż<br>• Ċittadini tajbin ikunu kburin bil-kultura ta' pajjiżhom<br>• Ċittadini li jħobbu 'l pajjiżhom jaħdmu biex Iżommu l-ambjent nadif<br>• Ċittadini tajbin iħarsu l-wirt storiku ta' pajjiżhom<br>• Iċ-ċittadin veru jfittex li jkun jaf liema huma l-liġijiet ta' pajjiżu u jimxi magħhom.<br>• Iċ-ċittadini tajbin ikunu jafu xi drittijiet għandhom u liema huma d-dmirijiet li jridu jaqdu.<br><br>(3 marki) |
| H | Marka kull tweġiba. It-tweġibiet għandhom ikunu sentenzi.<br><br>Min jikteb fil-qasir jiġifieri kelma jew tnejn jitlef marka għal kull tlett tweġibiet tajbin. | Dawn it-tweġibiet jew oħrajn li jagħmlu sens fil-kuntest<br><br>1. Fabbrika hija bini li fih jiġu maħduma l-oġġetti li għandna bżonn.<br>2. L-injam kien il-materja prima fil-fabbrika tas-siġġijiet.<br>Il-verniċ kien il-materja prima fil-fabbrika tas-siġġijiet.<br>3. Il-prodotti lesti kienu s-siġġijiet u ċ-ċikkulata.<br>4. Tnejn minn dawn il-prodotti oħra li jsiru fil-fabbriki Maltin: żraben, ħwejjeġ, għamara, prodotti tal-ħġieġ, fuħħar, birra, luminata, inbid, flus u chips tal-kompjuter.<br>5. Dan il-post jissejjaħ 'Qasam Industrijali'<br>6. Waħda minn dawn |

| | | |
|---|---|---|
| | Total<br>8 marki | • Il-fabbriki jkunu bogħod mid-djar minħabba l-ħsejjes tal-makkinarju.<br>• Il-fabbriki jkunu bogħod mid-djar minħabba t-tniġġis li jista' jkun hemm.<br>• Il-fabbriki jkunu bogħod mid-djar minħabba l-perikli minn xi kimika.<br>7. Tweġiba waħda minn dawn<br>Pawlu u Marija jridu jfissru li parti kbira mis-siġġijiet kienu għas-suq barrani.<br>Pawlu u Marija jridu jfissru li parti kbira mis-siġġijiet kienu se jinbiegħu fi ħwienet ta' pajjiżi oħra.<br>8. Tweġiba waħda minn dawn<br>Huma tgħallmu kemm għandhom xogħol iebes il-ħaddiema tal-fabbriki.<br>Huma tgħallmu kemm trid affarijiet biex tiftaħ fabbrika.<br>Huma tgħallmu kemm jafu jaħdmu l-ħaddiema Maltin.<br>Huma tgħallmu li hemm proċess twil biex ikollna l-prodotti fid-djar tagħna. |
| Ħ | 1) 5 marki<br><br><br><br><br><br>2) marka<br><br>3) marka<br><br>4) 2 marki<br><br><br><br><br><br><br><br><br>5) marka | Marka għal kull sentenza tajba li tagħmel sens fil-kuntest<br>Punti msemmija bħal<br>• Bini mwaqqa'<br>• Arja fgata bid-duħħan u trab<br>• Storbju u konfużjoni<br>• Biki u biża'<br>• Ambulanzi , pulizija u suldati<br><br>Pajjiż minn dawn<br>Ġermanja Italja Ġappun<br><br>Pajjiż minn dawn jew oħrajn li kienu alleati sakemm ċedew<br>Ingilterra Russja Awstralja New Zealand Stati Uniti<br><br>Tnejn minn dawn<br>• Mietu ħafna mill-għeżież tagħna<br>• Bosta spiċċaw feruti<br>• Batew il-ġuħ u l-mard<br>• Ħassew il-biża' mill-bombi<br>• Sofrew il-firda tal-familji<br>• Ħafna tilfu djarhom u ġidhom<br>• Ħafna kellhom imorru f'postijiet oħra<br><br>Il-konvoj ta' Santa Marija ifisser il-miġja f'Malta ta' għadd ta' vapuri mgħobbija bl-ikel u bil-'fuel', li kien tant meħtieġ biex Malta ma ċċedix lill-forzi Nażisti u Faxxisti waqt it-Tieni Gwerra Dinjija.<br>Jissejjaħ hekk għax dan il-konvoj ta' vapuri daħal f'Malta qrib nhar Santa Marija fil-15 ta' Awissu 1942. |